MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 27/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Azzopardi:

Talli fil-Gharghur fit-23 ta’ Marzu, 2000 ghall-habta tal-11.00 ta’ filghaxija, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Claudio Calleja mill-Gharghur f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta ta daqqa fil-parti vitali ta’ l-imsemmi Claudio Calleja u cioe` fil-parti ta’ sidru, u kkagunalu ferita

ta’ natura gravi skond kif iccertifka Dr. Joseph Debono ta’ l-Isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari, jew imitazzjoni t’arma regolari;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif ukoll fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, zamm jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju ta’ l-Pulizija;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Stephen Sammut mill-Gharghur u kkagunalu ferita ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Tyron Pillow ta’ l-isptar San Luqa;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor;

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Peter Azzopardi hati "skond l-akkuza" u kkundannatu ghal sitt snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Peter Azzopardi minnu pprezentat fit-30 ta’ Jannar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellant mhux hati u tilliberah skond il-ligi, u f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Michael Sciriha ghall-appellant u ta' Dr. Anthony Barbara ghall-appellat;

Ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji izda huwa opportun li jigi kkunsidrat l-ewwel ir-raba' aggravju peress illi dan l-aggravju jirrigwarda l-imputazzjonijiet li effettivament iridu jigu kkunsidrati fil-konfront ta' l-appellant. Permezz ta' dan l-aggravju fil-fatt l-appellant jirreferi ghall-imputazzjonijiet originarjament dedotti kontra tieghu u jghid li, filwaqt li l-ewwel Qorti sabitu hati "skond l-akkuza", mir-*"rinvio a giudizio"* ta' l-Avukat Generali tat-2 ta' Novembru 2001 jirrizulta li huwa seta' jinsab hati biss fuq l-artikoli tal-ligi lkoll tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ccitati mill-Avukat Generali. Dan ifisser, jghid l-appellant, li huwa ma setax b'hekk jinstab hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet li jirreferu ghal ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 66.

Issa bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter** deciz fis-7 ta' Dicembru 2001, meta "r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-kaz in ezami huwa evidenti li bir-rinviju ghall-gudizzju tat-2 ta' Novembru 2001 maghmul skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kap. 9, l-Avukat Generali naqqas ir-reati addebitati originarjament lill-appellant. Huwa evidenti wkoll li dan ma sfuggiex lill-ewwel Qorti. Difatti mis-

sentenza stess jirrizulta li s-sejbien ta' htija ta' l-appellant kienet unikament skond l-artikoli citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju. Fil-fatt fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti rreferiet biss ghal dawk l-artikoli u ghalhekk meta hija ddikjarat li kienet qed issib lill-appellant (allura imputat) hati "skond l-akkuza", hija kienet qed tirreferi ghall-akkuza skond ir-rinviju ghall-gudizzju.

Konsegwentement dan ir-raba' aggravju huwa michud.

Din il-Qorti issa sejra tikkonsidra l-aggravji l-ohra *seriatim*.

L-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-prosekuzzjoni ma lehqitx il-grad tal-konvinciment morali kif trid il-ligi ghas-sejbien ta' htija u ghalhekk tali sejbien mill-ewwel Qorti hija *"unsafe and unsatisfactory"*. Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi, u bhalma gie kostantement ritenut, huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Mario Zammit**, 24 ta' Novembru 2004; **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta'

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it**

---

Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti fil-fatt ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni li kien proprju l-appellant li kkaguna offiza gravi (jew gravissima) fuq Claudio Calleja u ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi u l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

L-appellant jinsisti fuq certi kontradizzjonijiet li johorgu mix-xiehda tax-xhieda principali tal-prosekuzzjoni, u cioe` Claudio Calleja, il-vittma, Joseph Calleja, missier il-vittma, u Jane Calleja, omm il-vittma, kif spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (a fol. 322 - 329). Din il-Qorti ezaminat is-sottomissjonijiet li saru f'dik in-nota izda xorta ttenni li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghar-reita` ta' l-appellant. Huwa ben maghruf l-ewwelnett li kull xhud jirrakkonta d-dettalji ta' incident mill-perspettiva tieghu, u hawn ghandna incident li sehh fi ftit sekondi, minn meta l-familja Calleja hasset il-bieb ta' barra taghhom sejjer jinqala' sal-mument li Claudio Calleja qala' d-daqqa ta' sikkina jew mus. Ra jew ma rax arma f'idejn l-

appellant, Claudio Calleja jispjega kif ra id l-appellant gejja lejh u jaqla' d-daqqa li jiddeskrivi bhala tingiza. Joseph Calleja, missier Claudio, mhux biss xehed li ra lill-appellant jaghti d-daqqa lil ibnu izda anke li l-appellant dan ghamlu b'sikkina li kien fiha xi pied. Jane Calleja, omm Claudio, ukoll xehdet li rat lill-appellant ixejjer idu lejn binha. L-attendibilita` ta' din ix-xiehda ma tixxejjinx ghax Jane Calleja qalet li fethet il-bieb hi filwaqt li Joseph Calleja jghid li fetah hu. Effettivament it-tlieta li huma spiccaw fejn il-bieb ta' barra tad-dar taghhom. Fin-nota ta' sottomissjonjiet tieghu l-appellant jistaqsi: "Hemm xi raguni legittima ghaliex m'ghandniex nemmnu lis-sinjura Calleja meta tghid li hi fethet il-bieb, baqghet hemm sal-ahhar u ma rat xejn f'id Peter Azzopardi, meta huwa evidenti li kellha vizwali diretta tal-istess Peter Azzopardi?" Jekk nemmnu lil Jane Calleja fuq dan id-dettal, allura l-Qorti tistaqsi: Hemm xi raguni legittima ghaliex m'ghandniex nemmnuha wkoll meta xehdet li rat lill-appellant ixejjer lil binha u li dan minnufih dahal jigri gewwa ferut?

Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet jidher car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tevalwa l-imgieba, il-karattru u l-kondotta kemm ta' l-appellant kif ukoll tax-xhieda l-ohra kollha u kkonkludiet li c-cahda ta' l-appellant li wegga' lil Calleja b'mus jew b'sikkina u l-allegazzjoni li seta' kien missier Calleja stess li laqtu kienu inverosimili. Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni tvarja tali apprezzament u konkluzjoni.

Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa michud ukoll.

Permezz tat-tieni aggravju l-appellant isostni li mir-rizultanzi processwali ma seta' qatt jikkonfigura r-reat taht l-artikolu 218 tal-Kap. 9. Skond l-appellant, filwaqt li l-artikolu 218 tal-Kap. 9 jipprospetta l-ferita gravi tali li jew tikkaguna debbulizza permanenti jew ukoll li d-debbulizza probabilment (" … x'aktarx ikun hekk" - ara art. 218(2)) tkun permanenti; l-artikolu 216 jipprospetta l-ferita gravi tali li "tista' ggib periklu ta' debbulizza permanenti" - u cioe` fi kliem iehor li "possibilment" iggib debbulizza permanenti. L-appellant ikompli jghid li l-interpretazzjoni

legittima tad-dispost ta' dawn iz-zewg artikoli tal-ligi, maghmula fid-dawl tal-konkluzjonijiet tat-tobba fuq imsemmija u cioe` li hadd ma jiddikjara kategorikament li kien hemm effettivament debbulizza permanenti izda jaslu biss sal-grad illi jista' jkun hemm effetti permanenti, twasslu ghall-konkluzjoni li l-kaz seta' biss jasal sal-artikoli 216 u 217 tal-Kap. 9, bil-konsegwenzi kollha legali li dan igib mieghu kemm dwar ir-reita` kif ukoll dwar il-piena.

Din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'iejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti osservat li mix-xiehda tat-tobba jirrizulta ampjament li l-offiza li garrab Calleja hija wahda ta' natura gravi per durata u li galadarba rrizulta qtugh u hsara residwa u permanenti fin-nervituri tal-gisem, il-kwistjoni dwar trapass ta' zmien jaffettwa biss l-ammont jew *"degree of impairment"*.

Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett li hadd mit-tobba prodotti ma stqarr li l-hsara li sofra Claudio Calleja fin-nerv kienet se jkollha effett permanenti.

Hekk il-kirurgu Joseph Debono, li opera lil Claudio Calleja, ikklassifika l-offiza li garrab Calleja bhala ta' natura gravi per durata "ghax kien hemm in-nerve damage li tista' tkun permanenti". Fil-fatt sab parti min-nerv li jaghti ghall-muskolu tad-dahar iddanneggjat. Skond l-istess xhud, in-nerv ifieq qisu millimetru kuljum u mistoqsi jekk Calleja jistax ikollu problemi 'l quddiem wiegeb semplicement "Jista'".

Il-kirurgu Alex Attard ikkonferma li kienet saret hsara lil nervitura u li meta regghu raw lil Calleja fit-12 ta' Mejju 2000, ftit anqas minn xahrejn mill-incident, kien hemm "residual defects fejn kien hemm l-injury tan-nerve [debbulizza tal-muskolu], imma l-long term effect ta' din l-injury ghandek sena biex tkun taf ezattament jekk hux ser ifieq minnha kompletament jew le". Huwa kompla jghid li "jista' jkun hemm effetti permanenti" pero` kien difficli tghid qabel id-dekorriment ta' sena. Huwa spjega li n-nerv in kwistjoni ghandu varjazzjoni bejn individwu u iehor u jiddependi fejn ikun maqtugh. Jista' jkun li parti min-nerv li ma giex maqtugh jiehu x-xoghol ta' dik il-parti li giet maqtugha.

La minn din ix-xiehda u lanqas mix-xiehda tal-vittma stess ma jista' jinghad li tirrizulta inekwivokabilment li bl-offiza li sofra Claudio Calleja giet ikkagunata lilu debbulizza permanenti kif lanqas li "x'aktarx ikun hekk". Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewel Qorti, il-permanenza tad-debbulizza hija certament rilevanti ghall-fini ta' l-applikabilita` ta' l-artikolu 218 tal-Kap. 9. Billi l-provi fil-kaz in ezami ma jwasslux sal-grad rikjest minn dak l-artikolu, ma jistax jinghad li jirrizulta dak previst mill-imsemmi artikolu, u cioe` ma tirrizultax l-offiza gravissima. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju dwar l-applikabnilita` ta' l-artikolu 216 mhux biss in kwantu l-perijodu ta' zmien rikjest ghall-fejqan (paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu) izda aktar u aktar in kwantu l-possibilita` li l-offiza ggib periklu ta' debbulizza permanenti (subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu).

Konsegwentement it-tieni aggravju qieghed jigi milqugh.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi biex eskludiet d-difiza tal-passjoni istantaneja jew agitazzjoni tal-mohh (artikolu 227(c) tal-Kap. 9)applikabbli ai termini ta' l-artikolu 230(b) tal-Kap. 9 - u ghalhekk imbaghad applikabbli ukoll l-artikolu 232(a) tal-Kap. 9. L-istat mentali ravvizat fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 227 tal-Kap. 9 jista' jkun dovut kemm ghal provokazzjoni kif ukoll ghal ragunijiet ohra. Huwa jirreferi ghan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn jirrizulta li l-linja difensjonali tieghu skond l-artikolu 227(c) kienet bazata unikament fuq l-attenwant tal-provokazzjoni. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jirreferi wkoll ghall-istat mentali tieghu meta sehh l-incident. Jghid li jbati minn dipressjoni kif xehed it-tabib psikjatra Dott. David Cassar u li kien diga` qabel urtat minn Claudio Calleja (kemm ghax kien aggredixxa lil ibnu, kemm ghax huma nies xejn kumplimentuzi, kemm ghax Claudio Calleja kien vendikattiv billi barax xi vetturi, kemm ghax dan Claudio Calleja kien qed jippermetti li siehbu jaghmel l-istorbju bil-mutur fil-hin tal-mistrieh), kien fi stat ta' konfuzjoni mentali tali li meta dak in-nhar tal-incident gera wara Calleja, hu ma kienx kapaci jqis il-konsegwenzi ta' dak li kien qed jaghmel. Ghalhekk isostni li mill-atti jirrizulta fuq bazi ta' probabilita` li hu kien fi stat ta' agitazzjoni tal-mohh u ma setax jirrifletti dwar il-konsegwenzi ta' dak li kien ser jaghmel.

Kwantu ghall-kwistjoni ta' provokazzjoni, din giet investigata mill-ewwel Qorti li waslet ghall-konkluzjoni li ma kien hemm l-ebda provokazzjoni peress illi Claudio Calleja kien diga` dahal id-dar. U din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba dak l-apprezzament. Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-appellant li kien fi stat ta' konfuzjoni mentali, din il-Qorti tirreferi ghax-xiehda tal-psikjatra Dott. David Cassar li xehed li l-appellant kien bniedem b'depression u li kellu problema tax-xorb, izda dan wara li kien rah fl-Isptar Monte Carmeli fit-tieni parti tas-sena 2002 (circa Settembru), jigifieri madwar sentejn u nofs wara l-incident. Meta Dott. Cassar kien qieghed jixhed fit-2 ta' Ottubru 2002, mistoqsi jekk l-appellant kienx jifhem dak li kien qieghed jaghmel fl-incident *de quo*,

huwa wiegeb li fuq dan il-kaz ma dahalx u ezamina dak il-kaz b'reqqa. Prova ta' stat konfuzjonali kif issa qieghed jallega l-appellant hija ghal kollox mankanti.

B'hekk dan l-aggravju huwa michud.

Il-hames aggravju huwa fis-sens li in vista tas-sostituzzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 2003, iz-zmien li l-appellant ghamel mizmum taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz odjern ghandu jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija li huwa jinghata. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx hekk u allura f'kaz ta' piena karcerarja huwa ghandu jibbenefika mid-dispost ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 9 gdid.

L- artikolu 22 tal-Kap. 9 kif sostitwit bl-Att numru III ta' l-2002 li dahal fis-sehh bis-sahha ta' l-A.L. 273/2003 illum jipprovdi hekk:

**"Hlief fil-kaz ta' kundanna ta' prigunerija ghall-ghomor jew ta' prigunerija jew detenzjoni f'nuqqas tal-hlas ta' multa jew ammenda, kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija u l-kundanna li tulu l-ikkundannat ikun inzamm fil-habs ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kkundannat, li ma jkunx zmien maghmul fil-habs f'esekuzzjoni ta' kundanna, jitqies bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna tieghu; izda jekk l-ikkundannat qabel kien suggett ghal ordni ta' *probation*, ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni jew ghal sentenza sospiza dwar dak ir-reat jew reati, kull zmien bhal dak qabel l-ghemil ta' dak l-ordni jew l-ghoti tas-sentenza sospiza m'ghandux jitqies ghall-finijiet ta' dan l-artikolu:**

**Izda meta xi zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija kif imsemmi qabel ikun, bis-sahha ta' dan l-artikolu, gie meqjus bhala parti miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht il-kundanna dwar dik id-dikjarazzjoni ta' htija, dak iz-zmien ma ghandux jitqies bhala parti**

**miz-zmien ta' prigunerija jew detenzjoni taht xi kundanna ohra."**

Dan ifisser li llum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dan l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat. U dan tenut kont dejjem ta' l-artikolu 168 ta' l-imsemmi Att III ta' l-2002, li huwa artikolu tranzitorju, li jipprovdi li d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 22 qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dak l-Att *"ghandhom ikomplu japplikaw ghal kull sentenza li tinghata qabel id-data relevanti dwar kull persuna jew li tinghata fid-data relevanti jew warajha dwar persuna li fid-data relevanti tkun fil-habs tistenna biex tigi processata ghar-reat jew reati li dwarhom tkun is-sentenza u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 8 … ta' dan l-Att ma jkollhom ebda effett fuq sentenza bhal dik"*.

Is-sentenza appellata nghatat fl-20 ta' Jannar 2004, cioe` wara d-data relevanti. Inoltre ma jirrizultax mill-atti li l-appellant kien il-habs fid-data relevanti. Ghalhekk jidher li huwa applikabbli l-artikolu 22 kif sostitwit u skond dak li gie delinejat fil-paragrafu precedenti.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis bhala eccessiva. Jghid li dan il-kaz huwa disgrazzja ghall-familja kollha meta wiehed iqis li rnexxielu jrabbi tliet subien, wiehed gradwat, wiehed jahdem ghal rasu u z-zghir qed isib postu fis-socjeta`, is-sofferenzi ta' martu, u s-sahha tieghu li tirrikjedi ghajnuna medika u/jew psikjatrika.

Din il-Qorti tissimpatizza mal-familja ta' l-appellant li minhabba l-agir irresponsabbli tieghu kellha ssofri tant, izda dan kollu ma jistax jigi accettat bhala attenwant ghall-fini ta' piena. Kwantu ghall-htiega ta' kura medika/psikjatrika, m'hemm xejn x'izomm milli jinghata tali kura skond il-htiega mill-awtoritajiet tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hawn qeghdin nittrattaw offizi serjissimi, wahda

ta' natura gravi maghmula b'arma li taqta' u bil-ponta u ohra ferita hafifa fuq il-persuna ta' Stephen Sammut. Bhalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali ga` citat **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkazjoni diversi drabi li tfisser li, bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-ppiena ghandha tkun dik ta' prigunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruhha f'xi forma ta' vjolenza fizika."**

Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li l-piena gusta hija wahda karcerarja. Izda in vista tal-konkluzjoni raggunta minn din il-Qorti dwar it-tieni aggravju, dan irid jigi rifless fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati skond l-artikolu 218 tal-Kap. 9 u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah izda tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti, u cioe` talli fit-23 ta' Marzu 2000 ghall-habta tal-11.00 ta' filghaxija fil-Gharghur (1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Claudio Calleja, (2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Stephen Sammut mill-Gharghur u kkagunalu ferita ta' natura hafifa, (3) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bwon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, (4) sar recidiv wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru 1996, tirrevokaha wkoll in kwantu gie kkundannat sitt xhur prigunerija u, wara li rat l-artikoli 216(1)(a)(ii)(d), 217, 13, 19, 26, 221, 338(dd), 49 u 50 tal-Kap. 9 tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u seba' xhur. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta'

Kordin jipprovdi ghall-htigiet medici/psikjatrici ta' l-appellant. Inoltre tattira l-attenzjoni tad-Direttur ta' l-istess Facilita` ghall-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 9.

-

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------